**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (31)

Illum imiss li nlaqqagħkom ma' John Brincat, wieħed mill-bennejja tal-opri tat-tiġrija tal-club ta' Bormla. Lil John Brincat ilni nafu aktar minn 40 sena.

Kont imur spiss inkellmu fil-maħżen li kellu l-Kalkara, u kif wieħed jimmaġina kliemna dejjem kien jaqa' fuq ir-Regatta Nazzjonali.

Minn għandu ksibt ħafna tagħrif kemm dwar il-bini tad-dgħajjes kif ukoll dwar is-sehem ta' Bormla f'dawn it-tiġrijiet tradizzjonali li ilhom magħna mijiet tas-snin. B'wiċċi minn quddiem ngħid li John kien strumentali biex jien niġbor it-tagħrif kollu possibbli dwar ir-Regatta Nazzjonali, nirriċerkah u nippubblikah.

Lil John għamiltlu żewġ intervisti, l-aħħar waħda kienet ma' Sunny Busuttil fuq Radju Kottoner. Minnhom, se nislet biss siltiet li jitkellmu dwar il-ħidma tiegħu f'dik li hu bini ta' opri tat-tiġrija u fir-Regatta. Bdejt biex staqsejtu meta beda l-mistier tiegħu fis-sengħa tal-bini tad-dgħajjes ...

"Jien bdejt ta' 12-il sena ma' missieri qabel il-gwerra fil-Kalkara. Wara l-gwerra missieri u Ġużeppi Cassar (Bengala) bdew jaħdmu flimkien u bnew l-ewwel dgħajsa għal Bormla. Huma bnew bosta dgħajjes fil-karriera tagħhom kemm għal Bormla, Marsa, Marsamxett u l-Birgu.

"Fil-fatt niftakar sewwa li qabel id-dgħajsa ta' Bl-Erbgħa '8 ta' Diċembru', missieri u Ġużeppi kienu bnew dgħajsa tal-Pass għal Marsamxett 'il-Ħawwiefa' u wara kienu bnew dgħajsa tal-Midalji (Stella Maris) għall-istess distrett.

"Huma baqgħu jaħdmu flimkien sakemm mietu. Wara l-mewt ta' missieri, jien bqajt naħdem ma' Bengala u flimkien bnejna sett sħiħ għal Bormla kif ukoll għal distretti oħra.

"Meta miet Bengala, ix-xogħol tad-dgħajjes waqa' f'idejja. Għal Bormla bnejt diversi opri u għamilt manutenzzjoni fuq għadd ġmielu ta' opri oħra ta' distretti oħra. Mindu rranġaw ix-Xatt ta' Santa Tereża, l-opri Bormilżi bdew jinżammu fil-maħżen tar-Regatta Club, u għalhekk jien kont nagħti daqqa ta' għajn u nara xi jkun jeħtieġ għall-armar b'mod speċjali waqt il-provi."

*Waqt il-bini u l-manutenzjoni ta' opri tat-tiġrija ġieli ltqajt ma' problemi - ngħidu aħna ma jsibx ċertu tip ta' injam li jkollok bżonn?*

"Iva mhux l-ewwel darba ... ġieli kelli każi fejn ma sibtx l-injam li kelli bżonn waqt manutenzjoni ta' xi dgħajsa tajba li jkunu se jġerru biha fil-Vitorja.

"Niftakar li darba, għal palella (moqdief) kellna nġiebu l-injam minn barra għax hawn Malta ma jsibx minnu. Dan it-tip ta' njam (fagu) li jrid li jkun mill-inqas 14 il-pied u nofs tul u bi tliet pulzieri ħxuna u wiesa' mill-inqas disa' pulzieri.

*L-istorja tgħidilna li l-Bormliżi minn dejjem kellhom għal qalbhom it-tiġrijiet tad-dgħajjes ... veru dan?*

"Iva veru ... il-Bormliżi minn dejjem kienu magħrufin għall-imħabba kbira li kellhom għar-Regatta Nazzjonali. Niftakar li fiż-żmien il-provi, ix-Xatt kien ikun mimli ħabrieka, li l-għan tagħhom kien ikun biex jgħinu lill-kumitat fil-ħtiġijiet li jinqalgħu, ngħidu aħna, ħasil u varar tal-opri fil-baħar, għajnuna fl-armar tagħhom, bejgħ ta' biljetti għal xi lotterija u mitt ħaġa oħra.

"Fost fost dawn tajjeb li nsemmi lil Ġorġ Fenech magħruf mal-qaddiefa u dilettanti Bormliżi bħala l-Busnikk li dan, alavolja llum (fiż-żmien li saret din l-intervista) hu mdaħħal fiż-żmien dejjem issibu jagħti daqqa ta' id - preferibbilment fejn jidħol l-armar tad-dgħajjes. Nassigurak li f'dan ix-xogħol Ġorġ ikun għal qalbu, u jagħti dak kollu li jaf basta jgħin lill-lokalità tiegħu.

"Bħalissa qed niftakar wkoll f'għadd ta' ħabrieka oħra li ħadmu bla heda għal Bormla, biex dan id-distrett li tant kien qawwi fir-Regatta qabel il-gwerra jerġa' jaqbad it-triq tas-suċċess.

"L-ewwelnett insemmi li Pawlu Vella (ta' Esther ) li wara l-gwerra reġa' għaqqad



Id-dgħajsa Maltija

lid-distrett mill-ġdid, ġabar il-flus biex jinbnew id-dgħajjes, u fittex il-qaddiefa biex jieħdu sehem fit-tiġrija.

"Insemmi wkoll lil Karmenu Grech tal-Posta u Charlie l-Ispiżjar li bl-għajnuna tal-membri tal-kumitat provisorju ta' dak iż-żmien (bidu tas-snin ħamsin) għenu bis-sħiħ lil Pawlu jerġa' jibni mill-ġdid lil dan id-distrett wara l-Gwerra.

"Sfortunatament, illum, dawn il-ħabrieka flimkien ma' ħafna oħrajn huma minsijin, u lanqas ritratt tagħhom ma ssib fil-club.

"Personaġġ ieħor li ħadem ħafna għal Bormla f'kull qasam għal ġid tal-Bormliżi, iżda b'mod speċjali fejn jidħlu t-tiġrijiet tad-dgħajjes kien Matty Grima - li fi żmienu bħala president tar-Regatta Association, mhux biss rajna ħafna titjib fl-organizzazzjoni tar-Regatta, iżda wkoll bħala Bormliż għen ħafna biex Bormla ssir distrett qawwi u jilħaq il-quċċatta tas-suċċessi...

*John … mhux l-ewwel f'nhar il-Vitorja osservajtek tagħlaq il-kanal bil-planki ta' l-injam … naħseb li dan xogħol barra li iebes hu wkoll tedjanti ħafna:*

"Ħafna u trid paċenzja kbira … qabel il-gwerra l-kanal kien jingħalaq fuq iż-żewġ naħat bil-planki ta' l-injam u d-Dgħajjes, Kajjikki, Ferilli u Frejgatini mimlijin daqs bajda bil-partitarji kienu jorbtu magħhom biex isegwu t-tiġrija.

"Jien bdejt f'dan ix-xogħol, fl-1962, u waqaft fl-1987. Jgħini kelli lil sieħbi Rene Zammit, s'intendi ma' ħaddiema oħra li kienet tipprovdi l-awtorità tal-Port.

"Il-kanal kien jingħalaq bi planki ta' l-injam (b'kollox madwar 80 planka) li t-tul tagħhom kien ivarja bejn 30 u 70 pied, li parti minnhom kienu jinkrew mill-partikular u l-kumplament mit-tarzna.

"Il-planki kienu jintramaw mill-moll ta' Ras-Ħanżir (fuq in-naħa ta' Kordin) u jibqgħu sejrin sa' nofs id-daħla ta' Dockyard Creek, imbagħad jingħalaq billi niġbdu dritt għad-Dwana l-Antika.

"Konna naħsbu minn kmieni u ma konniex nibdew ix-xogħol qabel l-awtorità tal-port kienet tagħtina l-ordni biex nibdew ix-xogħol.

"Ovvjament aħna kien ikollna kollox ippreparat u għal-lest, għaliex lejlet il-Vitorja konna nagħżlu l-planki, nlestu l-mażżri, il-ktajjen u ħbula tal-azzar li konna norbtu bihom il-planki ma' xulxin.

"Il-parti bejn l-Isla u d-dwana kienet tintrama l-aħħar. Ġieli temmejna dan ix-xogħol ftit qabel ma bdiet ir-Regatta.

"S'intendi wara li kienet tintemm ir-Regatta kellna biċċa xogħol oħra biex inżarmaw il-planki biex kemm jista' jkun jinfetaħ mill-ġdid il-port. U anke meta r-Regatta ta' Jum il-Ħelsien kienet issir f'Dockyard Creek, aħna konna nagħlqu il-kanal bit-tankijiet fuq iż-żewġ naħat."

*Dan l-aħħar inqalgħet il-kwistjoni tat-tiġrijiet taż-żgħażagħ, u bħalma jiġri dejjem ikun hemm ħafna fehmiet differenti … x'inhi l-idea tiegħek u x'taħseb li għandu jsir mill-Association?*

"il-qaddiefa qegħdin jonqsu u jiddispjaċini ngħid li għad jasal żmien li xi distretti lanqas ikollhom qaddiefa biżżejjed biex jarmaw l-opri tagħhom.

"Kif taf, il-karriera ta' qaddief mhix bħal 'player' tal-football. Qaddief għandu karriera twila ħafna, u dan, jekk jibqa' b'saħħtu, jista' faċilment jibqa' jaqdef sal-50 sena.

"Dan l-aħħar bdiet tissemma' ħafna l-kwistjoni li nqagħlet dwar ir-Regatta taż-żgħażagħ. Kien hawn min hu tal-fehma, u jien personalment naqbel magħha, li din il-kategorija tinbidel u ssir 'B' biex b'hekk dawk iż-żgħażugħ li jaqbżu l-età mhux biss ikollhom ċans li jkomplu jaqdfu, iżda b'riħet ta' dan it-tibdil, kull distrett ikollu qaddiefa biżżejjed mnejn jagħżel.

Barra minn hekk, tkun ħaġa ta' min jinkuraġġiha li fil-kategorija 'B' tħallat qaddiefa ġodda ma' qaddiefa stabbiliti biex b'hekk tinkiseb l-esperjenza u d-dixxiplina waqt it-taħriġ kif ukoll waqt l-andament ta' kull korsa."